PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Dokument ta' sessjoni

23.4.2008

B6-0179/2008 }
B6-0182/2008 }
B6-0184/2008 }
B6-0194/2008 }
B6-0200/2008 }
B6-0206/2008 } RC1

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skond l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura minn

– Michael Gahler, Charles Tannock, Bernd Posselt, Eija-Riitta Korhola, Tunne Kelam, Urszula Gacek u Jana Hybášková, f'isem il-Grupp PPE-DE
– Pasqualina Napoletano, Hannes Swoboda u Paulo Casaca, f'isem il-Grupp PSE
– Marios Matsakis u Marielle De Sarnez, f'isem il-Grupp ALDE
– Roberta Angelilli u Cristiana Muscardini, f'isem il-Grupp UEN
– Angelika Beer u Raül Romeva i Rueda, f'isem il-Grupp Verts/ALE
– Umberto Guidoni, f'isem il-Grupp GUE/NGL

li tieħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

– PSE (B6-0179/2008)
– GUE/NGL (B6-0182/2008)
– PPE-DE (B6-0184/2008)
– UEN (B6-0194/2008)
– ALDE (B6-0200/2008)
– Verts/ALE (B6-0206/2008)

dwar l-Iran

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Iran

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Kunsill tal-25 ta’ Frar 2008 dwar il-proposta leġiżlattiva dwar il-liġi kriminali fl-Iran,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iran, partikolarment ir-riżoluzzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u b’mod partikulari r-riżoluzzjonijiet adottati fil-25 ta’ Ottubru 2007[1] u fil-31 ta’ Jannar 2008[2],

– wara li kkunsidra r-rapport[3] mill-Kumitat tiegħu għall-Affarijiet Barranin dwar ir-Rapport Annwali ta’ l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika ta’ l-UE dwar il-kwistjoni,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet ta’ l-Assemblea Ġenerali tan-NU (UNGA), u b’mod partikulari r-Riżoluzzjoni 62/168 tal-UNGA dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Iżlamika ta’ l-Iran, adottata fit-18 ta’ Diċembru 2007,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 62/149 tal-UNGA tat-18 ta’ Diċembru 2007 dwar moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li l-Iran huwa stat kontraenti tagħhom kollha,

– wara li kkunsidra t-tieni laqgħa interparlamentari bejn il-PE u l-Iran, li saret f’Tehran mis-7 sad-9 ta’ Diċembru 2007, u r-rapport dwarha,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi mindu tnediet il-Kampanja Miljun Firma għall-ugwaljanza legali bejn l-irġiel u n-nisa fl-Iran fis-27 ta’ Awissu 2006, aktar minn 700 attivist gew arrestati jew inkella qed ikunu ppersegwitati, minħabba l-isforzi paċifiċi tagħhom ta' persważjoni għal bidla leġiżlattiva; billi l-websajt tal-Kampanja kienet imblukkata kemm-il darba mill-awtoritajiet,

B. billi l-attivisti għad-drittijiet tan-nisa fl-Iran qed jiffaċċjaw repressjoni dejjem akbar, filwaqt li fis-sentejn li għaddew aktar minn mija minnhom ġew arrestati, interrogati, jew ikkundannati, waqt li l-gvern daħħal aktar minn miljun ewro mill-kawzjonijiet; billi l-gvern għalaq il-midja tad-drittijiet tan-nisa, inkluż il-magażin l-aktar prominenti favur id-drittijiet tan-nisa – Zanan – li ilu jeżisti aktar minn 17-il sena u li ngħalaq fit-28 ta’ Jannar 2008,

[1] Testi adottati, P6_TA(2007)0488.
[2] Testi adottati, P6_TA(2008)0031.
[3] A6-0153/2008.

C. billi membru prominenti tal-Kampanja, attivista għad-drittijiet tan-nisa u għall-ambjent Khadijeh Moghaddam, kienet arrestata fit-8 ta' April u nħelset biss reċentement wara li tħallset il-kawzjoni għolja ta' biljun rijal (madwar 50 000 ewro),

D. billi s-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran baqgħet sejra għall-agħar mill-2005, u billi l-eżekuzzjonijiet waħedhom kważi rduppjaw fl-2007, biex b'hekk l-Iran sar il-pajjiż bl-ogħla rata ta' eżekuzzjonijiet per capita wara l-Għarabja Sawdita, filwaqt li dawn iż-żewġ pajjiżi u l-Jemen huma l-uniċi tliet pajjiżi fejn isiru eżekuzzjonijiet għal reati mwettqa minn persuni li għandhom anqas minn 18-il sena,

E. billi talanqas għaxar nisa – Iran, Khayrieh, Kobra N., Fatemeh, Ashraf Kalhori, Shamameh Ghorbani, Leyla Ghomi, Hajar u l-aħwa Zohreh u Azar Kabiriniat – għadhom fir-riskju li jitħaġġru sal-mewt, u hekk ukoll żewġ irġiel – Abdollah Farivar u ċittadin Afgan li ismu m'huwiex magħruf,

F. billi Mokarrameh Ebrahimi kienet ikkundannata għall-mewt bit-tħaġġir flimkien ma' seħibha, missier uliedha, għas-sempliċi raġuni li kellha relazzjoni barra miż-żwieġ – imġiba li ma titqiesx bħala reat skond l-istandards legali internazzjonali; billi Mokarrameh Ebrahimi nħafret mill-Mexxej Suprem Ayatollah Ali Khamenei wara 11-il sena ħabs u nħelset fis-17 ta' Marzu 2008, flimkien ma' binha ż-żgħir ta' 5 snin, iżda traġikament, dan ġara biss wara li seħibha Ja'Far Kiani tħaġġar sal-mewt f'Lulju 2007,

G. billi f'mossa importanti l-Kap tal-Ġudikatura, Mahmoud Hashemi Shahroudi, reċentement qaleb is-sentena ta' mewt ta' Shahla Jahed, 'mara miżżewġa temporanjament', wara li nstabu 'nuqqasijiet proċedurali' fl-investigazzjoni oriġinali, li kienet sabitha ħatja li qatlet il-mara permanenti ta' żewġha temporanju,

H. billi fis-snin riċenti kien hemm titjib fir-rigward tad-drittijiet tan-nisa, partikolarment: l-età minima ta' żwieġ għat-tfajliet żdiedet minn 9 snin għal 13-il sena, in-nisa divorzjati jistgħu jżommu l-kustodja ta' wliedhom sa ma jkollhom seba' snin (qabel kienet sa sentejn), u issa n-nisa jistgħu jkunu konsulenti ġudizzjarji, jistgħu jitolbu d-divorzju jew jirrifjutaw li jħallu lil żewġhom jiżżewweġ mara oħra,

I. billi, madankollu, reċentement tressaq abbozz ta' liġi dwar il-'ħarsien tal-familja' reċentement fil-Majlis Iranjan bil-għan li jkunu leġittimizzati aktar il-poligamija, iż-żwieġ temporanju u d-dritt unilaterali tar-raġel għad-divorzju arbitrarju u għall-kustodja tat-tfal,

J. billi l-Iran għad m'huwiex stat kontraenti għall-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħelsien ta' Khadijeh Moghaddam u ta' Mokarrameh Ebrahimi, u jinnota l-irwol tal-Mexxej Suprem u tal-Kap tal-Ġudikatura f'dawn il-każijiet; jitlob li tinħeles Shahla Jahed;

2. Jikkundanna bil-qawwa r-repressjoni ta' movimenti tas-soċjetà ċivili fl-Iran, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa bħal dawk involuti fil-Kampanja Miljun Firma; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani biex itemmu l-fastidju, l-intimidazzjoni u l-persekuzzjoni ta' min

jeżerċita b'mod paċifiku d-dritt tiegħu għal-libertà ta' l-espressjoni, ta' l-assoċjazzjoni u ta' l-assemblea, u biex jeħilsu minnufih u bla kundizzjonijiet lill-priġunieri kollha tal-kuxjenza; ifakkar fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2007 u tal-31 ta' Jannar 2008;

3. Jirrikonoxxi l-irwol attiv u importanti tan-nisa fis-soċjetà Iranjana, minkejja inugwaljanzi legali kbar u persistenti, rwol li jista' jkun sors ta' ispirazzjoni u ta' tama għal nisa f'pajjiżi oħra tar-reġjun;

4. Jistieden lill-Parlament Iranjan u lill-Gvern Iranjan biex ibiddlu l-leġiżlazzjoni diskriminatorja Iranjana li, fost affarijiet oħra, teskludi lin-nisa mill-karigi l-aktar għolja ta' l-Istat u mill-ħatra bħala mħallfin, iċċaħħadhom minn drittijiet ugwali ma' l-irġiel fiż-żwieġ, fid-divorzju, fil-kustodja tat-tfal u fil-wirt, u li tistipula li kull xhieda li jagħtu quddiem qorti tingħata nofs l-importanza li tingħata xhieda ta' raġel; iqis li f'ċerti ċirkustanzi din l-ugwaljanza tista' tikkontribwixxi għat-twettiq ta' reati vjolenti min-nisa;

5. Itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-piena tal-mewt b'mod ġenerali, jitlob moratorju immedjat fuq l-eżekuzzjonijiet fl-Iran u huwa mwaħħax li dak il-pajjiż għad għandu l-ogħla għadd ta' eżekuzzjonijiet fid-dinja ta' tfal li jwettqu reat u li l-moratorju fuq it-tħaġġir għadu m'huwiex implimentat għalkollox;

6. Jinnota d-direttivi maħruġa reċentement mill-Kap tal-Ġudikatura dwar il-projbizzjoni ta' l-eżekuzzjonijiet pubbliċi bla approvazzjoni minn qabel u tad-detenzjonijiet għal perjodi twal mingħajr ma ssir akkuża;

7. Jistieden lill-membri tal-Majlis li għadu kemm ġie elett biex jgħaddu r-riforma pendenti tal-Kodiċi Penali Iranjan kemm jista' jkun malajr, bil-għan speċifiku li jiġu aboliti t-tħaġġir u l-eżekuzzjonijiet ta' tfal li jwettqu reati, biex idaħħlu moratorju fuq il-piena tal-mewt, biex iġibu l-leġiżlazzjoni Iranjana konformi ma' l-obbligi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa;

8. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jimmoniterjaw sew is-sitwazzjoni tad-drittijiet tan-nisa fl-Iran, biex iqajmu każijiet konkreti ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran ma' l-awtoritajiet u biex fl-aħħar sitt xhur ta' l-2008 jippreżentaw lill-Parlament rapport komprensiv dwar il-kwistjoni, inklużi proposti għal proġetti li jistgħu jkunu ffinanzjati fil-qafas ta' l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tas-CFSP, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-UNSC, lill-Kummissjoni tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Kap tal-Ġudikatura ta' l-Iran u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Iżlamika ta' l-Iran.